# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-102 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 11 ta'Mejju 2011 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Kunsillier A. Muscat kien infurmah li ma setax jattendi ghal-laqgha tallum peress li kien ser ikun imsiefer. Il-Kunsill qis din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk il-Kunsilier Muscat gie dikjarat skuzat.***

**102/01 Talba**

**102/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

**102/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 101**

**102/02/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqgha tal-Kunsill Nru 101. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**102/03 Punti mtella' mill-minuti**

**102/03/01** ***Para 101/03/01 – Xoghlijiet fi Triq San Gwann***: Is-Sindku nforma li l-*markings* li kienu gew approvati fl-ahhar laqgha kienu tlestew.

**102/03/02** ***Para 101/03/02 – Xoghlijiet taht l-iskema PPP***: L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew li jsiru l-*core-cuts* u li nircievu t-testijiet necessarji. Huwa ghandu jkellem lill-Kuntrattur / *Contract Manager* sabiex dawn kif ukoll il-konferma tal-kontijiet isiru minghajr aktar dewmien.

Rigward il-*crash-barrier* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn (*Part 4*) sa issa konna ghadna ma rcivejna xejn minghand TM u ghalhekk l-Agent S.E. intalab sabiex ikompli jsegwi.

L-Agent S.E. informa ukoll li l-MEPA kienu nfurmawna li minn dokumenti li ghandhom jidher li fis-sena 2000 il-*planters* kienu diga jezistu u peress li l-post huwa ODZ, huma m'ghandhomx il-linji tal-bini. Fic-cirkostanzi l-Kunsill unanimament iddikjara dan il-kaz maghluq.

Rigward it-Triq tal-Ferha il-Kunsill unanimament approva li l-ammont ta' konkos approvat fl-ahhar laqgha ta' 3 jardi jizdied ghal 7 peress li wara li sar it-tindif irrizulta li hemm bzonn ta' aktar konkos.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:30 pm***

**102/03/03** ***Para 101/03/03 – Bozza moghttija bis-Sigar***: L-Agent S.E. informa li aktar kmieni llum kien ikkuntattjah is-sid ta' fejn hemm il-bozza u infurmah li l-bozza kienet inqalghet. Huwa nfurmah ukoll li hemm madwar €116 spejjez biex l-arm tittawwal u talab lil-Kunsill sabiex jiffinanzja x-xoghol. Il-Kunsill innota li s-sid dejjem indika li kien ser jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jiffinanzja sa massimu ta' €58. Il-hlas isir wara li jigu provduti *invoices* u rcevuti fiskali li juru li l-ispiza totali kienet ta' l-inqas €116.

**102/03/04** ***Para 101/03/05 – Restawr Pittura***: Is-Sindku nforma li l-plakka kienet ~~wehlet kif approvat~~ ghadha trid tehel.**

**102/03/05** ***Para 101/03/06 – Laqgha Gharghur FC***: Is-Sindku nforma li l-avukat tad-Dipt. ghall-Gvern Lokali kienet approvat it-text tal-PPP. Gie unanimament approvat li s-Sindku u l-Agent S.E. jiffirmaw il-ftehim tal-PPP f'isem il-Kunsill u li jinhareg ic-cekk ta' € 12,000 pagabbli li Gharghur Football Club skont l-istess kuntratt. L-Agent S.E. ghandu jkompli jsegwi mad-Dipt. ghall-Gvern Lokali l-ghajnuna halli jigi iffinanzjat dan il-ftehim.

**102/03/06** ***Para 101/03/07 – Huggiega ta' San Gwann***: Gie unanimament approvat li meta l-Kunsillier Muscat jirritorna minn barra ssir laqgha mal-partijiet koncernati halli jinkiseb aktar progress.

**102/03/07** ***Para 101/03/08 – General Fitness Classes***: Il-Vici Sindku nforma li l-klassijiet kienu bdew kif ippjanat. Peress li kien hemm xi ilmenti li l-post fejn qed isir dan il-kors hu zghir gie unanimament approvat li jekk ikunu hemm min jiddeciedi li ma jattendix aktar, ma jizdiedux aktar partecipanti.

**102/03/08** ***Para 101/03/09 – Laqgha Perit dwar il-Bini tal-Kunsill***: L-Agent S.E. informa li l-Perit John Spiteri kien ser jiehu hsieb l-applikazzjoni mal-MEPA ser jigi jaghmel *site visit* il-gimgha d-diehla.

**102/03/09** ***Para 101/03/10 – Xelter fi Triq Ferdinand***: L-Agent S.E. informa li x-xoghol kien miexi u l-bini tal-bankina ghandu jitlesta kmieni l-gimgha d-diehla. Gie deciz li fil-kantuniera jitwahhlu *bollards*.

**102/03/10** ***Para 101/03/11 – Bye-Laws Ghar San Brinkat***: l-Agent S.E. informa li kien ikkuntattja lis-Sur V. Rizzo minn Din l-Art Helwa li kien weghdu li ser jibghatlu d-dokumentazzjoni mitluba mill-avukat fil-granet li gejjin.

**102/03/11** ***Para 101/03/12 – Bandiera f'nofs Roundabout***: L-Agent S.E. informa li l-ELC kienu nfurmawna li ma jsibux oggezzjoni li jsir dan l-arblu f'nofs ir-*roundabout*.

**102/03/12** ***Para 101/03/13 – Boundary Wall madwar Plot***: L-Agent S.E. informa li peress li l-hajt ma kienx inbena, hu kien rega ghamel rapport lill-Pulizija sabiex jiehdu azzjoni huma.

**102/03/13** ***Para 101/03/14 – Mera fi Triq Caravaggio***: L-Agent S.E. informa li l-mera kienet wehlet kif approvat.

**102/03/14** ***Para 101/05/03 – White Line fi Triq Santa Katerina*** : Is-Sindku nforma li wara li kien tkejjel il-wisgha tat-triq, irrizulta li kien hemm wisgha bizzejjed biex vetturi jghaddu liberament fejn hemm id-dahla ta zewg residenzi u ghalhekk kien thassar il-*white line* quddiem din il-parti sabiex ikunu jistghu jipparkjaw zewg vetturi. Hu kien ukoll iltaqa ma wiehed mir-residenzi u gibidlu l-attenzjoni ghal ipparkjar abbusiv ta' vetturi u hrug ta' l-iskart qabel il-hin stipulat.

**102/03/15** ***Para 101/06/10 – Trakkijiet fuq Pont Wied id-Dis :*** L-Agent S.E. informa li t-tabelli sabiex vetturi kbar ma jkunux jistghu jghaddu minn fuq il-Pont ta' Wied id-Dis kienu wehlu llum.

**102/03/16** ***Para 101/06/12 – Pulizija re Abbuz Drogi :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu ried jinforma lill-Pulzija bit-talba taghna ghal aktar sorveljanza fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**102/03/17** ***Para 101/06/13 – Laqgha Mizura 313*** **:** L-Agent S.E. informa li hu flimkien mal-Vici Sindku kien attenda ghal din il-laqgha u kien gie deciz li ghandha tkompli ssir pressjoni fuq il-MEPA sabiex jinhareg il-permess. Sadanittant hu kien qed isegwi mal-Perit issottomissjoni tad-dokumenti u informazzjoni mitluba mill-MEPA kif ukoll dettaliji tal-hlas tieghu.

**102/03/18** ***Para 101/07/01 – Traffic Management Misrah il-Knisja*** **:** L-Agent S.E. informa li konna ktibna lil TM skont kif approvat fl-ahhar laqgha.

**102/03/19** ***Para 101/07/02 – Pannelli Fotovoltajici Gnien il-Paci*** **:** Wara li l-Agent S.E. ipprezenta kwotazzjoni minghand l-Ing. Antoine Busuttil, irrizulta li din kienet orhos minn dik ta' Galea Curmi Cons. u ghalhekk gie unanimament deciz li l-Ing. Antoine Busuttil jinhatar bhala l-*Contract Manager* ghax-xiri u installazzjoni ta' panelli fotovoltajici ghall-Gnien il-Paci. L-Agent S.E. gie awtorizzat sabiex jinforma lill-Ing Busuttil ufficcjalment kif ukoll sabiex jipprocedi bis-sejha ghax-xiri u l-installazzjoni tal-pannelli.

**102/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**102/04/01** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

**102/04/02** Giet approvata l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul April 2011 li kienet intbghatet lill-membri flimkien ma' l-Agenda.

**102/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**102/05/01** Talba sabiex titwessgha l-bankina fil-parti ta' fuq ta' Triq San Bartilmew sabiex ir-*restaurant* li hemm fl-istess triq ikun jista johrog l-imwejjed u s-siggijiet.

Din it-talba giet diskussa u gie unanimament deciz li ghandhom jingiebu aktar dettalji minghand l-awtoritajiet koncernati sabiex nifhmu ezatt kif inhuma regolati l-hrug ta' mwejjed u siggijiet minn entitajiet kummercjali. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha

titfassal *policy* li sservi ta' gwida ghal meta jigu sottomessi talbiet simili kif ukoll tiehu in konsiderazzjoni abbuzi li prezentament hawn fil-lokalita' fir-rigward ta' uzu ta' propjeta' pubblika minn entitajiet kummercjali ghal ragunijiet ta' negozju.

**102/05/02** Talba sabiex tiddahhal *Residents Parking Scheme* fl-inhawi ta' Misrah il-Knisja / Triq San Nikola.

Il-Kunsill innota li skema bhal din normalment issir f'toroq li fihom kontenut sostanzjali ta' attivita' kummercjali li tattira persuni li jigu minn lokalitajiet ohra bil-konsegwenza li r-residenti ma jsibux postijiet ta' parkegg ghall-vetturi taghhom. Il-Kunsill hu tal-fehma li l-problemi ta' *parking* fir-rahal ma humiex kawza ta' hekk izda minhabba li l-ammont ta' vetturi tar-residenti zdiedu sew. Ghalhekk l-implimentazzjoni ta' *Residents Parking Scheme* mhux ser toffri l-ebda soluzzjoni. Fic-cirkustanzi din it-talba ma gietx approvata.

**102/05/03** Talba sabiex tizdied is-sorveljanza mill-*Green Wardens* minhabba l-hmieg tal-klieb.

Din it-talba giet milqugha u gie unanimament approvat li jizdiedu s-sieghat tal-*Green Wardens* fir-rahal.

**102/05/04** Ilment dwar ilma tax-xita li allegatament qed joqghod quddiem residenza fi Triq San Gwann fejn ghadu kif sar kisi bit-tarmak.

L-Agent S.E. informa li hu kien ghamel *site visit* u jidher li l-area involuta hi wahda zghira hafna u xi ftit jew wisq minn dejjem kien joqghod xi ftit ilma u mhux kawza tal-kisi bit-tarmak li sar ricentament. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar.

**102/05/05** Talba sabiex il-gbir tal-iskart separat jitnaqqas minn darbtejn ghal darba fil-gimgha.

Il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba peress li l-*policy* tal-Kunsill hi li jigi inkoraggit il-gbir ta' skart separat.

**102/05/06** Talba sabiex isir *patching* fi Triq Santa Katerina.

Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz li x-xoghol isir mill-haddiema tal-Kunsill.

**102/05/07** Talba sabiex il-hin li fih Triq Fidiel Zarb tkun maghluqa ghat-traffiku waqt li jkunu ghaddejjin ix-xoghlijiet ikun wiehed minimu.

Wara diskussjoni gie unanimament deciz li meta t-triq tkun ser tinghalaq minhabba uzu ta' *skip*, it-triq m'ghandiex tinghalaq ghal iktar minn 4 sieghat.

**102/05/08** Talba sabiex titbaxxa l-bankina quddiem l-entratura l-gdida ghall-*ground* tal-futbol fi Triq Stiefnu Zerafa.

Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz li x-xoghol isir mid-Dipt. tad-Distretti.

**102/05/09** Suggeriment sabiex terga tehel mera fil-bidu ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn min-naha ta' Triq Mons Luigi Catania.

Din it-talba giet unanimament approvata u gie deciz li din tigi ordnata minghand UniKing Intl.

**102/05/10** Talba sabiex parti jizdied it-tul ta' *Double Yellow Lines* fi Triq San Gwann vicin ic-cimiterju peress li allegatament resident li ghandu garaxx fuq in-naha l-ohra tat-triq qed isib problema sabiex johrog il-van tieghu mill-garaxx.

Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jiltaqa ma' min ghamel it-talba sabiex jikseb aktar dettalji ghaliex fil-fehma tal-Kunsill ma jidhirx li hemm problema.

**102/06 Korrispondenza**

**102/06/01** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill joggezzjona ghall-applikazzjonijiet 4526/10 u 5306/10 minhabba li dawn qeghdin proposti ODZ.

**102/06/02** Risposta minghand ic-*Chairman* tal-MEPA wara li l-Kunsill kien irrisponda dwar problemi li l-Kunsill isib mal-MEPA.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**102/06/03** Korrispondenza minghand il-Bord tal-UIF fi hdan il-MEPA tinfurmana li l-Bord ma kienx laqgha t-talba taghna sabiex il-fondi tal-UIF jintuzaw halli tinbena bankina bil-madum fi Triq Karmnu Zarb.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-Sindku nforma li konna ktibna lura nitolbu li talba taghna terga tigi ikkunsidrata fid-dawl tal-fatt li din it-triq hija l-unika wahda li taghti ghall-Pjazza li mhix bil-madum.

**102/06/04** Memo 41/2011 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Tahrig ghall-Impjegati tal-Libreriji Pubblici.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie approvat li l-Kunsill isaqsi lil-librara jekk tixtieqx tattendi ghal dan it-tahrig.

**102/06/05** Memo 43/2011 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skemi ta' Finanzjament Specjali ghas-Sena 2011.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu jgib aktar dettalji dwar il-Ftehim tal-PPP dwar toroq kif ukoll dwar it-tifsira ezatt ta' Programmi Kreattivi. Kien hemm ftehim ukoll li waqt il-laqghat li gejjin ikomplu d-diskussjonijiet dwar din il-materja filwaqt li l-Vici Sindku, l-Kunsillier Mifsud u l-Agent S.E. jiltaqghu separatament sabiex ihejju rakkomandazzjonijiet ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**102/06/06** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar Polza ghal Skema ta' Sahha.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie approvat li ghandhom jigu nkluzi l-impjegati u l-Kunsillieri kollha minbarra s-Sindku peress li hu personalment diga ghandu polza simili.

**102/06/07** Korrispondenza minghand l-AKLM tinfurmana li skont informazzjoni li huma ghandhom, l-UE qed turi li l-*istatus* tas-SEAP taghna hu *incomplete*. L-Agent S.E. ghandu jinvestiga u jinforma lill-Kunsill.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla l-laqgha fid-8:40 pm***

**102/06/08** Korrispondenza minghand it-TM dwar Talba ghal-*Reserved Parking* fi Sqaq Charlotte.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li hu kien diga bghat ir-risposta lil-TM.

**102/06/09** Kopja ta' korrispondenza li ghaddiet bejn il-MITA u d-*developer* tal-*website* il-gdida tal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li jidher li kienu saru passi notevoli fid-direzzjoni t-tajba.

**102/07** **Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**102/07/01** Gie deciz li l-Hadd 15 ta' Mejju fl-okkazjoni tat-Tberik tal-Annimali jiddahhal il-kennies.

**102/07/02** Gie unanimament deciz li tigi ordnata irhama gdida ghall-monument tal-Kunsill f' Misrah il-Knisja wara li din inkissret. L-Agent S.E. pprezenta kwotazzjoni minghand Raymond Bonello li turi li din l-irhama l-gdida ser tigi tiswa € 146 giet approvata unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jinxtara arblu gdid tal-*fibreglass* minnflok dak ezistenti. Gie ikkunsidrat ukoll is-suggeriment sabiex isir dawl gdid fuq il-monument imma l-*electrician* tal-Kunsill ma kienx qed jirrakkomanda li dan isir minhabba xi problemi teknici. Il-Kunsill unanimament laqa din ir-rakkomandazzjoni.

**102/07/03** Is-Sindku nforma li l-MRRA kienu laqgha it-talba tal-Kumitat tal-Banda sabiex il-bankina ta' quddiem il-Kazin tinbidel u ssir bhal dik il-gdida ta' madwar il-monument. Din il-bankina ser issir quddiem il-binja tal-Kazin kollu.

**102/07/04** Gie unanimament deciz li ghandu jsir ftehim ta' PPP mas-Socjeta Filarmonika San Bartilmew. Il-Kunsill qabel li jiftah diskussjonijiet mas-Socjeta Filarmonika San Bartilmew bil-ghan li jigi iffirmat dan il-ftehim li jkun jipprovdi li s-Socjeta' toffri lill-Kunsill zewg servizzi (marci jew kuncerti) f'kull sena kalendarja ghall-perjodu ta' hames snin. Il-banda ghandha tkun iffurmata mill-inqas minn 25 bandist f'servizz minhom u mill-inqas minn 10 bandisti fis-servizz l-iehor. Is-Sindku gie unanimament awtorizzat sabiex jinnegozzja mas-Socjeta' dan il-ftehim filwaqt li l-Agent S.E. ser jiehu hsieb jipprepara l-ftehim u jikseb l-approvazzjoni mehtiega minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali. Aktar dettalji jinghataw fil-laqgha li jmiss.

**102/07/05** Gie unanimament approvat li titnaqqas il-parti immarkata bl-isfar quddiem l-entratura ta' *Juniper Mews* sabiex ikunu jista jizdied l-ammont ta' *parking bays*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**102/07/06** Gie unanimament approvat li jigi estiz *yellow line* quddiem *garage* fi Triq Fidiel Zarb.**

**102/08 Aggornament**

**102/08/01** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar l-Erbgha 25 ta' Mejju 2011 fis-6:00 p.m.

** Emendati waqt il-laqgha li nzammet fil-25 ta' Mejju 2011

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **25 ta' Mejju 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |